MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2015

Talba Numru. 598/2014

**GO plc (C22334)**

**Vs**

**Sciberras Donna (K.I. 358094M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-Socjeta' attrici ppremmettiet illi l-konvenuta ghandha thallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' hames mija sebgha u tmenin ewro u sebgha u sebghin centezmu (€587.77c), liema ammont huwa in konnessjoni ma' Bundle Service Agreement Home Pack 33 (AC 40225068).

Illi nterpellata sabiex tghaddi ghal hlas, il-konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta.

Bl-ispejjez u drittijiet, inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali 546/2014, u bl-imghaxijiet legali sa mis-27 ta' Marzu, 2014, data tal-imsemmija ittra ufficjali.

Dokumenti Mehmuza:

Dok A:- Prospett

Dok B:- Kuntratt

Dok C:- Estratt mir-Registru Elettorali

Dok D:- Ittra Ufficcjali 546/2014

Ra mill-atti illi l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie pprezentat kapitolu fl-20 ta' Jannar, 2015 mill-Avukat Dr Keith Grech u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenuta naqset milli tipprova l-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba tas-Socjeta’ attrici fl-ammont ta’ hames mija sebgha u tmenin ewro u sebgha u sebghin centezmu (€587.77c), u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali skont kif mitlub fl-Avviz tat-talba.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------